MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru. 453/2002

Il- Pulizija
(Spettur Paul Bond)

-vs-

Gaetano Falzon

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Gaetano Falzon, ta’ 42 sena, bin Michael u Giuseppa nee’ Caruana, imwieled il- Hamrun fid- 19 ta’ Awissu 1959 u residenti ‘Alidrew’, Triq ir- Russett, Hal Tarxien, detentur tal- karta ta’ l- identita’ bin- numru 545159M.

Akkuzat talli bejn il- 11 ta’ Gunju 1999 u l- 4 ta’ Awissu 2001 u/jew matul is- snin/xhur precedenti bhala bniedem responsabbli mil- hanut ‘Ideal du Gazeau’, fil-kumpless tal- Marsa Racing Track, Marsa, limiti ta’ Hal Qormi, b’

diversi azzjonijiet maghmulin minnhu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, kisser il- gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal- meter tad- dawl installat fl-imsemmi fond u b' mezzi qarrieqa sabiex ikollu l- uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fl- istess meter tal- kwantita' mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal- kurrent elettriku li jammonta ghal- Lm733.00c7m liema serq huwa aggravat bil- mezz, hin u ammont u dan ghad- dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigitrattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat wiegeb li huwa mhux hati ghall-imputazzjonijiet lilu adebieti.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti jirrizulta li fis-sena 1999 l-imputat ha l-gestjoni tal-hanut Ideal du Gazeaux li jinstab fil-kumpless tal-Marsa Racing Track Marsa. F'l-4 ta'Awissu 2001 saret spezzjoni mill-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta f'l-imsemmi hanut. Waqt din l-ispezzjoni, li saret minghajr preavviz pero bil-kooperazzjoni ta'l-imputat, jirrizulta li l-*meter* tad-dawl kellu toqba. Ghalhekk gew nfurmati l-pulizija u anke saret inkjesta Magisterjali. Ftit wara li saret din l-ispezzjoni gie mibdul l-*meter* in kwistjoni. Dawn il-fatti m'humiex kontestati.

Illi provi ohra minn-naha tal-prosekuzzjoni ftit li xejn hemm apparti dokument (Dok R a fol 13 tal-process) li ma giex konfermat bil-gurament mill-persuna li rredigietu.

Illi minn-naha l-ohra l-imputat esebixxa l-kontijiet originali relattivi ghall-konsum ta' dawl fil-fond in kwistjoni – Dok GF a fol 27 tal-process. L-imputat fil-fatt esebixxa tnax il-kont li jkopru l-perjodu kollu minn Gunju 1999 sa' Jannar 2004 hlief ghall-perjodu ta' hames xhur bejn Novembru 2000 sa' Marzru 2001. Minn dawn il-kontijiet jidher li ma kienx hemm xi diskrepanza notevoli fil-konsum tad-dawl fil-perjodu wara li nbidel il-*meter* kif komparat mal-perjodu qabel ma nbidel il-*meter*.

Ill fattur iehor li ghandu jassumi certa relevanza u li jirrizulta minn dawn il-kontijiet huwa li l-qari tal-*meter* jidher li dejjem sar mill-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta. Fil-fatt mill-kontijiet jirrizulta li hdejn ic-cifra li tindika l-qari hemm l-ittra "A" li skond in-notamenti li hemm fuq il-kontijiet stess tfisser li l-qari huwa dak attwali.

Illi mid-dokument market Dok R a fol 13 tal-process jidher li l-allegazzjoni maghmula mill-Korporazzjoni Enemalta (u konsegwentent mill-prosekuzzjoni) hi li s-serq tad-dawl kien ilu jsir minn Gunju tas-sena 1999 u dam sejjer sa' Awissu tas-sena 2001. Pero kif ntqal jidher ukoll li l-qari tal-meter kien qed isir mill-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta u tul dan l-imsemmi perjodu l-impjegati tal-Korporazzjoni marru almenu hames darbiet biex jaqraw il-*meter* u qatt ma ndunaw li kien hemm xi haga hazina fih.

Illi tenut kont ta' dawn il-fatturi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijet dedotti kontra l-imputat ma jirrizultawx.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-imputazzjonijiet lilu adebieti .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------